MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 457/2005

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**vs**

**Central Med Yachting International Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Frar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm774.79) hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9943 4197;**
**Is-socjeta` konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi, baqghet inadempjenti;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra s-**

**socjeta` konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-16 ta' Marzu, 2005, ghas-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta. Ra li r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta baqa' ma deherx u lanqas ma giet prezentata risposta, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm774.79) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-24 ta' Frar, 2005 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------